

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 23

Emenda 23

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

6. Jistenna li l-Kummissjoni tressaq proposta għall-fażi li jmiss tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-Tkabbir u l-Impjiegi li tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet kbar li għandna quddiemna, speċjalment it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-rivoluzzjoni diġitali u t-tnejn tal-Ewropej għal dawn il-bidliet; iqis li din l-istrateġija għandha tgħaqqad flimkien ir-riformi rilevanti ma' inizjattivi ta' investiment **kbir**, li jibnu fuq l-unjoni tal-enerġija u s-suq uniku diġitali, **it-tnejn diġà mnedija, u inizjattiva ġdida għal investiment soċjali u l-ksib ta' hillet ġodda**; jemmen li l-istrateġija għandha tkun appoġġjata b'użu sħiħ tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u ta' QFP 2014-20 rivedut; iqis li l-Istati Membri kollha jeħtieġ li jkollhom il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jimplementaw din l-istrateġija u li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja għandha tiġi kkompletata biex tippromwovi l-konverġenza f'din id-direzzjoni; iqis li s-sħubijiet strateġiċi esterni tal-UE għandhom ukoll jifitxu opportunitajiet ġodda biex din l-istrateġija tirnexxi;

Emenda

6. Jistenna li l-Kummissjoni tressaq proposta għall-fażi li jmiss tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-Tkabbir u l-Impjiegi li tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet kbar li għandna quddiemna, speċjalment it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-rivoluzzjoni diġitali u t-tnejn tal-Ewropej għal dawn il-bidliet; iqis li din l-istrateġija għandha tgħaqqad flimkien ir-riformi rilevanti ma' inizjattivi ta' investiment, li jibnu fuq l-unjoni tal-enerġija u s-suq uniku diġitali; jemmen li l-istrateġija għandha tkun appoġġjata b'użu sħiħ tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u ta' QFP 2014-20 rivedut; iqis li l-Istati Membri kollha jeħtieġ li jkollhom il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jimplementaw din l-istrateġija u li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja għandha tiġi kkompletata biex tippromwovi l-konverġenza f'din id-direzzjoni; iqis li s-sħubijiet strateġiċi esterni tal-UE għandhom ukoll jifitxu opportunitajiet ġodda biex din l-istrateġija tirnexxi;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 24

Emenda 24

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ b'reazzjoni qawwija biex tindirizza l-problemi soċjali tal-UE, b'mod partikolari l-qgħad, id-diskrepanza fil-ħiliet, l-inugwaljanzi **soċjali** u l-esklużjoni, **kif ukoll ir-riskji ta' dumping soċjali u l-eżodu tal-imħuħ**; iqis li dan jitlob irkupru ekonomiku u investment li jrawwem il-ħolqien ta' impjiegi **ta' kwalità, tappoġġja l-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi**, investimenti **soċjali** li jiffukaw fuq il-ħiliet, **il-kura tat-tfal u servizzi soċjali oħra, u l-ekonomija soċjali**; iqis li **dan jeħtieġ ukoll konverġenza aktar qawwija biex jiġi żgurat li sett ta' standards soċjali fundamentali jkun rispettat madwar l-Unjoni kollha kemm hi**; iqis li, f'dan il-kuntest, il-mobilità ġusta tal-ħaddiema għandha tiġi promossa bħala libertà fundamentali fis-suq uniku; iqis li passi konkreti lejn l-"A tripla soċjali" mwieġħda jridu jibdeu jitwettqu bla dewmien; **jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi involviment aktar mill-qrib tas-sħab soċjali fil-livell Ewropew u nazzjonali għal dan il-għan**;

Emenda

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ b'reazzjoni qawwija biex tindirizza l-problema soċjali tal-UE, b'mod partikolari l-qgħad, id-diskrepanza fil-ħiliet, l-inugwaljanzi u l-esklużjoni; iqis li dan jitlob irkupru ekonomiku u investment li jrawwem il-ħolqien ta' impjiegi **u** investimenti li jiffukaw fuq il-ħiliet **u li jikkombinaw il-ħajja tax-xogħol u tal-familja**; iqis li, f'dan il-kuntest, il-mobilità ġusta tal-ħaddiema għandha tiġi promossa bħala libertà fundamentali fis-suq uniku; iqis li passi konkreti lejn l-"A tripla soċjali" mwieġħda jridu jibdeu jitwettqu bla dewmien;

AM\1072793MT.doc

Or. en

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 25

Emenda 25

Sophia in 't Veld

fi sem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

11. Jemmen li ***d-disinn*** ta' politika tat-taxxi bilanċjata u ġusta ***jrid jitqies*** bħala parti integrali fir-riformi strutturali tal-Istati Membri fejn ikun xieraq, u li l-politika tat-taxxi u dik tal-kompetizzjoni għandhom jitqiesu bħala żewġ naħat tal-istess munita fis-suq intern, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u taċ-ċittadini kollha tal-UE, bil-ħsieb li jkomplu jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi; jappoġġja ċ-ċaqliq tal-piż tat-taxxa minn fuq il-ħaddiema lejn forom oħra ta' tassazzjoni sostenibbli;

Emenda

11. Jemmen li ***r-reviżjoni*** ta' politika tat-taxxi bilanċjata u ġusta ***trid titqies*** bħala parti integrali fir-riformi strutturali tal-Istati Membri fejn ikun xieraq, u li l-politika tat-taxxi u dik tal-kompetizzjoni għandhom jitqiesu bħala żewġ naħat tal-istess munita fis-suq intern, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u taċ-ċittadini kollha tal-UE, bil-ħsieb li jkomplu jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi; jappoġġja ċ-ċaqliq tal-piż tat-taxxa minn fuq il-ħaddiema lejn forom oħra ta' tassazzjoni sostenibbli;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 26

Emenda 26

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

16. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-partijiet interessati kollha, tesplora l-possibilitajiet kollha għat-tisħiħ tal-UEM u biex tagħmilha aktar reżistenti u li tiffaċilita t-tkabbir, l-impjegabilità u l-istabilità, flimkien ma' dimensjoni soċjali ffokata fuq il-preservazzjoni tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea, u r-rispett tad-dritt għal negozjar kollettiv, ***li tiżgura l-koordinament tal-politiki soċjali tal-Istati Membri, inkluż il-paga minima jew mekkaniżmu ta' dħul xieraq u deċiż minn kull Stat Membru, u l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol u l-mobilità u l-flessibilità volontarja bejn il-professjonijiet u l-Istati Membri;***

Emenda

16. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-partijiet interessati kollha, tesplora l-possibilitajiet kollha għat-tisħiħ tal-UEM u biex tagħmilha aktar reżistenti u li tiffaċilita t-tkabbir, l-impjegabilità u l-istabilità, flimkien ma' dimensjoni soċjali ffokata fuq il-preservazzjoni tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea, u r-rispett tad-dritt għal negozjar kollettiv;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 27

Emenda 27

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

20. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-iżviluppi reċenti fil-Mediterran u r-rotta tal-Balkani tal-Punent, fejn numru rekord ta' migranti irregolari li qasmu l-fruntieri tal-UE, b'mod li ħolqu sfida mingħajr preċedent lill-Ewropa u lill-Istati Membri tagħha, li teħtieġ rispons Ewropew komuni u determinat; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-miżuri mressqa mill-Kummissjoni, u jitlob adozzjoni u implimentazzjoni rapida mill-Istati Membri; jenfasizza li għandu jkun hemm aktar enfasi fuq l-inizjattivi diġà mnedija mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-proposti dwar ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, għax il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' emerġenza mħaddem għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja mhuwiex soluzzjoni għall-isfida fit-tul tal-pressjoni tal-asil, iżda pjuttost każ ta' prova bi ħsieb il-proposta leġiżlattiva mistennija dwar skema ta' rilokazzjoni permanenti li għandha tiġi attivata f'sitwazzjonijiet ta' influż tal-massa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tattiva l-mekkaniżmu meħtieġ, li tfassal speċifikament għal sitwazzjonijiet ta' influż tal-massa; jissottolinja, fl-istess ħin, il-ħtieġa li l-ipproċessar tat-talbiet għall-asil jitħaffef u li dawk li talbiethom

AM\1072793MT.doc

Emenda

20. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-iżviluppi reċenti fil-Mediterran u r-rotta tal-Balkani tal-Punent, fejn numru rekord ta' migranti irregolari li qasmu l-fruntieri tal-UE, b'mod li ħolqu sfida mingħajr preċedent lill-Ewropa u lill-Istati Membri tagħha, li teħtieġ rispons Ewropew komuni u determinat; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-miżuri mressqa mill-Kummissjoni, u jitlob adozzjoni u implimentazzjoni rapida mill-Istati Membri; jenfasizza li għandu jkun hemm aktar enfasi fuq l-inizjattivi diġà mnedija mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-proposti dwar ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, għax il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' emerġenza mħaddem għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja mhuwiex soluzzjoni għall-isfida fit-tul tal-pressjoni tal-asil, iżda pjuttost każ ta' prova bi ħsieb il-proposta leġiżlattiva mistennija dwar skema ta' rilokazzjoni permanenti li għandha tiġi attivata f'sitwazzjonijiet ta' influż tal-massa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tattiva l-mekkaniżmu **ta' Protezzjoni Temporanja** meħtieġ, li tfassal speċifikament għal sitwazzjonijiet ta' influż tal-massa; jissottolinja, fl-istess ħin, il-ħtieġa li l-ipproċessar tat-talbiet għall-

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

jincàhdu jintbagħtu lura; **Jesprimi** l-appoġġ tiegħu għal approċċ ta' "hotspot", imħabbra fl-Aġenda dwar il-migrazzjoni, immirati biex isaħħu l-appoġġ operattiv meta l-applikanti l-ewwel jaslu, inkluż għar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet inizjali, kif ukoll għal dawk li **m'humix** fil-bżonn ta' protezzjoni; jirrifjuta kwalunkwe miżura li de facto terġa' **daħħal** il-kontrolli fil-fruntiera, b'mod li jipperikola ż-żona ta' Schengen;

asil jitħaffef u li dawk li talbiethom jincàhdu jintbagħtu lura; **jesprimi** l-appoġġ tiegħu għal approċċ ta' "hotspot", imħabbra fl-Aġenda dwar il-migrazzjoni, immirati biex isaħħu l-appoġġ operattiv meta l-applikanti l-ewwel jaslu, inkluż għar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet inizjali, kif ukoll għal dawk li **mhumiex** fil-bżonn ta' protezzjoni; jirrifjuta kwalunkwe miżura li de facto terġa' **ddaħħal** il-kontrolli fil-fruntiera, b'mod li jipperikola ż-żona ta' Schengen;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 28

Emenda 28

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

Paragrafu 29

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta għall-fażi li jmiss tal-istrateġija Ewropa 2020 li tissodisfa l-isfidi tal-kompetizzjoni globali, it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-rivoluzzjoni diġitali u tendenzi demografiċi; iqis li din il-proposta għandha tgħaqqad bidla strutturali ma' inizjattivi *kbar* ta' investment filwaqt li tibni fuq l-istrumenti eżistenti (*baġit tal-UE, FEIS*);

Emenda

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta għall-fażi li jmiss tal-istrateġija Ewropa 2020 li tissodisfa l-isfidi tal-kompetizzjoni globali, it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-rivoluzzjoni diġitali u tendenzi demografiċi; iqis li din il-proposta għandha tgħaqqad bidla strutturali ma' inizjattivi ta' investment filwaqt li tibni fuq l-istrumenti eżistenti;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 29

Emenda 29

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffinalizza u tippreżenta pakkett dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol sa tmiem is-sena, **li jindirizza wkoll l-effetti negattivi tal-mobilità tal-forza tax-xogħol**; jitlob ispezzjonijiet transkonfinali qawwija tax-xogħol għall-ġlieda kontra l-abbuż; iqis li l-mobilità fl-Ewropa kollha huwa dritt bażiku; **jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tieħu azzjoni sabiex tippromwovi l-integrazzjoni u l-impjegabilità tal-ħaddiema Ewropej**; ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha rigward id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema;

Emenda

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffinalizza u tippreżenta pakkett dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol sa tmiem is-sena; jitlob ispezzjonijiet transkonfinali qawwija tax-xogħol għall-ġlieda kontra l-abbuż; iqis li l-mobilità fl-Ewropa kollha huwa dritt bażiku; ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha rigward id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 30

Emenda 30

Sophia in 't Veld

fi sem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

36. Jitlob li jkun hemm azzjoni konkreta li telimina d-diskriminazzjoni persistenti fis-suq tax-xogħol, b'mod speċjali fir-rigward ta' ħaddiema anzjani, dawk qiegħda fit-tul, nisa, ħaddiema b'diżabilità u ż-żgħażaġh; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati l-problemi ta' dawk li ilhom qiegħda fit-tul, mhux biss permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ iżda wkoll permezz l-inklużività tas-swieq tax-xogħol, pariri u appoġġ aħjar għal dawk li qed ifittxu xogħol, sussidji għar-reklutaġġ immirati u benefiċċji relatati max-xogħol;

Emenda

36. Jitlob li jkun hemm azzjoni konkreta li telimina d-diskriminazzjoni persistenti fis-suq tax-xogħol, b'mod speċjali fir-rigward ta' ħaddiema anzjani, dawk qiegħda fit-tul, **immigranti, minoranzi**, nisa, ħaddiema b'diżabilità u ż-żgħażaġh; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati l-problemi ta' dawk li ilhom qiegħda fit-tul, mhux biss permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ iżda wkoll permezz l-inklużività tas-swieq tax-xogħol, pariri u appoġġ aħjar għal dawk li qed ifittxu xogħol, sussidji għar-reklutaġġ immirati u benefiċċji relatati max-xogħol;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 31

Emenda 31

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

46. Jilqa' l-pubblikazzjoni ta' pakkett ġdid tal-politika tat-taxxa u jitlob lill-Kummissjoni turi ambizzjoni f'li tfittex li tiżgura sistema **ġusta** tat-tassazzjoni, ibbażata fuq il-prinċipju li t-taxxi għandhom jitħallsu fil-pajjiż fejn jiġu ġġenerati l-profitti, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq intern u kompetizzjoni inġusta;

Emenda

46. Jilqa' l-pubblikazzjoni ta' pakkett ġdid tal-politika tat-taxxa u jitlob lill-Kummissjoni turi ambizzjoni f'li tfittex li tiżgura sistema tat-tassazzjoni, ibbażata fuq il-prinċipju li t-taxxi għandhom jitħallsu fil-pajjiż fejn jiġu ġġenerati l-profitti, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq intern u kompetizzjoni inġusta;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 32

Emenda 32

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

Paragrafu 79a (ġdid)

Mozzjoni għal risoluzzjoni konġunta

Emenda

79a. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għal proċedura ta' insolvenza Ewropea għal Stati sovrani sabiex tiġi salvagwardjata d-dixxiplina fis-suq, u għall-introduzzjoni ta' limiti ta' skoperatura u għall-ponderazzjoni tar-riskju fuq id-dejn sovrani, li ma jistax jibqa' jitqies bħala mingħajr riskju;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 33

Emenda 33

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

86. Jenfasizza li ***l-multilateraliżmu jrid jibqa' jikkostitwixxi*** objettiv essenzjali tal-politika kummerċjali tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha biex tilħaq ftehim fl-Għaxar Laqgħa Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) f'Nairobi f'Diċembru 2015;

Emenda

86. Jenfasizza li ***ftehim fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) jibqa'*** objettiv essenzjali tal-politika kummerċjali tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni taħdem favur ftehim fl-10 Laqgħa Ministerjali tad-WTO f'Nairobi f'Diċembru 2015; ***jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi mill-aktar fis possibbli n-negozjati plurilaterali li għaddejjin fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TISA), il-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Ftehim dwar il-Prodotti Ekoloġiċi, li jekk jiġu konklużi b'suċċess se jkunu miżuri neċessarji biex jingħata impetu ulterjuri għall-isforzi ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li għaddejjin fid-WTO;***

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 34

Emenda 34

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 89

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

89. Jilqa' l-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà għall-perjodu 2015-2020 u l-prijoritajiet stabbiliti fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata transfruntiera u ċ-ċiberkriminalità, u jappoġġa bi sħiħ l-impenn tal-Kummissjoni fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna sabiex tgħin fl-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà interna tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġlieda barranin u t-terroriżmu; jenfasizza li l-UE għandha taċċetta t-theddida li qiegħda dejjem tikber ta' terroriżmu nazzjonali minn "ġlieda barranin", partikolarment minn individwi li jivvjaġġaw lejn stat ieħor, li ma jkunx l-istat ta' residenza jew nazzjonalità tagħhom, bl-għan li jwettqu, jippjanaw, jew jippreparaw atti terroristiċi jew biex jipprovdu jew jirċievu taħriġ terroristiku, inkluż b'rabta ma' kunflitti armati; jaqbel li l-prevenzjoni **tar-radikalizzazzjoni** għandha tkun prijorità għall-UE; **jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' miżuri aktar konkreti fl-Aġenda;**

Emenda

89. Jilqa' l-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà għall-perjodu 2015-2020 u l-prijoritajiet stabbiliti fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata transfruntiera u ċ-ċiberkriminalità, u jappoġġa bi sħiħ l-impenn tal-Kummissjoni fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna sabiex tgħin fl-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà interna tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġlieda barranin u t-terroriżmu; jenfasizza li l-UE għandha taċċetta t-theddida li qiegħda dejjem tikber ta' terroriżmu nazzjonali minn "ġlieda barranin", partikolarment minn individwi li jivvjaġġaw lejn stat ieħor, li ma jkunx l-istat ta' residenza jew nazzjonalità tagħhom, bl-għan li jwettqu, jippjanaw, jew jippreparaw atti terroristiċi jew biex jipprovdu jew jirċievu taħriġ terroristiku, inkluż b'rabta ma' kunflitti armati; jaqbel li l-prevenzjoni **tal-estremiżmu vjolenti** għandha tkun prijorità għall-UE;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 35

Emenda 35

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 118a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Emenda

118a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-iżblokkar tar-reviżjoni tar-regolament dwar l-aċċess għad-dokumenti, u biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Parlament f'riżoluzzjonijiet suċċessivi dwar it-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 36

Emenda 36

Sophia in 't Veld

fisem il-Grupp ALDE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Paragrafu 120a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta

Emenda

120a. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Parlament fl-iżvilupp ta' mekkanimżu għall-monitoraġġ u għall-infurzar tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-governanza demokratika, fuq il-linji li għandhom jiġu stabbiliti mir-rapport fuq inizjattiva leġiżlattiva li jmiss tal-Parlament;

Or. en

AM\1072793MT.doc

PE559.016v01-00 }
PE559.021v01-00 }
PE559.025v01-00 }
PE559.026v01-00 } RC1

MT

Magħquda fid-diversità

MT